Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Robert Said Sarreo]

vs

Victor Lofreda

Kumpilazzjoni Numru: 1105/13

Illum, 25 ta' Frar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Victor Lofreda detentur tal-karta tal-identita` numru 466182M:

1. Akkuzat talli bejn April 2010 u Marzu 2011, gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Mark Agius, Melita plc u/jew persuna/i ohra;

2. u aktar talli nhar it-12 ta' April 2010, gewwa dawn il-gzejjer, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli;

3. u aktar talli nhar it-12 ta' April 2010, gewwa dawn il-gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk 1-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli;

4. u aktar talli bejn April 2010 u Marzu 2011, gewwa dawn il-gzejjer, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u aktar talli

5. Fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A.G. Vella LLD datata 16 ta'

April 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` tal-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat frodi u falsifikazzjoni ta' dokumenti mill-imputat Victor Lofreda li allegatament iffirma kuntratt mal-Melita plc billi uza isem haddiehor, u cioe` tal-kwerelant Mark Agius, sabiex ikollu servizz ta' *television*, *internet* u *telephone* fir-residenza tieghu.

Illi xehed l-**Ispettur Robert Said Sarreo** li qal li nhar is-sbatax (17) t'Awwissu elfejn u tlettax (2013) mar jirrapporta l-ghassa ta' Bormla certu Salvino Agius flimkien ma' ibnu Mark Agius li ghandu dizabbilta`. Irrapporta li l-imputat kien ghamel kuntatt ma' Melita plc f'isem Mark Agius u fil-fatt fis-sittax (16) t'Awwissu Salvino Agius qal li kienu rcievew kont minghand Melita li kien jammonta ghal €1,090.97c. Ma kinux jafu ghalfejn inhareg dan il-kont u fil-fatt marru bih ghand Melita minn fejn irrizulta li fit-tnax (12) ta' April elfejn u ghaxra (2010) sar kuntratt mal-Melita ghall-*internet, television* u *mobile phone* f'isem Mark Agius

minn certu Victor Lofreda. Il-kuntratt kien ghal sentejn u fuqu kien hemm zewg firem- wiehed ta' Victor Lofreda u iehor ta' Mark Agius. L-Ispettur qal li Mark Agius cahad li dik kienet il-firma tieghu. Qal ukoll li kienu baghtu ghall-imputat li kien ammetta li ghamel l-imsemmi kuntratt u ghamel hekk ghax ma kellux flus. L-imputat qal ukoll li kien lest li jmur ghand Melita biex idawwar il-kuntratt f'ismu u jhallas l-ispejjez pero` Salvino Agius qal li l-imputat qatt ma effetwa pagamenti. Ix-xhud qal li l-Pulizija tat lill-imputat cans biex ihallas izda baqa' ma hallasx. L-Ispettur esebixxa l-istqarrija tal-imputat (Dok. RSS5) kif ukoll ir-rifjut tal-jedd ghall-parir legali.

L-Ispettur Said Sarreoipprezenta sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat fis-sittax (16) ta' April elfejn u disgha (2009) mill-Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D. (Dok. RSS7) fejn fuq akkuzi tal-istess natura bhal dawk odjerni Victor Lofreda gie kkundannat sena prigunerija sospiza ghal tliet snin taht supervizjoni ta' ufficjal tal-Probation oltre li gie kkundannat ihallas lura l-ammonti rispettivi lill-kwerelanti fi zmien sitt (6) xhur.

Illi fl-istqarrija tieghu, li ttiehdet fid-disgha u ghoxrin (29) t'Awwissu elfejn u tlettax (2013), l-imputat **Victor Lofreda** qal li xi tliet (3) snin ilu kien tkellem ma' Mark Agius biex jaghmlu kuntratt mal-Melita peress li kienet gejja l-*World Cup*. Qal li Mark kien qabel mieghu u tah kopja tal-ID card tieghu. Kompla jghid li l-Melita kienu marru jinstallaw is-servizz id-dar tieghu gewwa Bormla fejn hallas €80 ghall-installazzjoni. Zied jghid li Mark kien mar ghandu u raw il-*football* flimkien. Rigward il-firma ta' Mark Agius l-imputat qal: *"Ovvja li m'ghamilhomx hu. Jien nammetti li iffirmajt jiena peress li l-kuntratt kien fuq ismu.*" Huwa jghid li ffirma f'isem Mark ghaliex il-kuntratt kien fuq ismu u kellu kopja tal-ID card tieghu. Huwa jghid li l-kuntratt sar fuq isem Mark u mhux fuq ismu ghax hekk kienu ftiehmu bejniethom. L-imputat innega li Mark kien tah kopja tal-ID tieghu ghaliex l-imputat qallu li kien ha jdahhlu fl-*iSpecial Olympics*. L-imputat qal li qatt ma hallas il-kuntratt ghax kien telaq minn dak il-fond cirka fl-2011 u min mar joghqod minfloku qatt ma tah karti tal-Melita. Qal ukoll li kemm kien ilu f'dak il-fond qatt ma kien ircieva kont tal-Melita. L-imputat qal ukoll li huwa lest li jhallas kollox hu ghax huwa l-iktar li uza s-servizz. Qal pero` li qed jiddejjaq ghaliex Mark mhux jammetti li jaf bil-kuntratt. Huwa ammetta wkoll li

kien jaf li l-kuntratt ma kienx biss tat-televixin izda kien tat-telefon ukoll.

Illi xehed **Mark Agius** li qal li l-imputat kien talbu l-ID card tieghu biex imorru l-Bulgarija flimkien. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla. Ikkonferma li huwa ma kienx mal-imputat meta ghamel il-kuntratt ma' Melita. Qal li ma kienx jaf b'dan il-kont mal-Melita u sar jaf ghax ircieva ittra d-dar. Qal li Victor Lofreda ma kienx kellmu fuq dan il-kuntratt. Jghid li l-affari tal-Bulgarija kien fis-sena elfejn u ghaxra (2010) izda d-data ma jiftakarhiex. Ix-xhud rega' kkonferma li sar jaf bl-affari tal-Melita biss meta rcieva l-kont id-dar. Mark Agius ikkonferma li qatt ma ra d-dokument li jinsab a folio 35 tal-atti processwali.

Illi xehed **Salvino Agius** li qal li fit-tlieta (3) ta' Mejju elfejn u tnax (2012) ircevew ittra minghand il-Credit Info fejn kien hemm miktub li ser jittiehdu passi kontra Mark Agius minhabba kuntratt mal-Melita. Ibnu kien qallu li ma kienx jaf b'dan il-kont mal-Melita. Qal ukoll li l-indirizz fuq il-kuntratt ma kienx jaqbel mal-indirizz ta' Mark Agius kif imnizzel fl-ID card tieghu. Ra wkoll li l-firma fuq il-kuntratt ma kinitx taqbel mal-firma ta' ibnu. Zied

jghid li ibnu kien sellef xi flus lill-imputat izda qatt ma kien taghhom kollox lura u kienu ghamlu rapport fuqu. Qal ukoll li kien cempel lill-Melita u lil Credit Info. Ix-xhud qal li huwa ried li din l-istorja tissolva b'mod amikevoli. Difatti fl-ghassa Victor Lofreda wieghed lil Salvino Agius li ser ihallas bil-mod fejn hu accetta izda l-imputat qatt ma ghamel pagament. Ix-xhud qal ukoll li ibnu jghix mieghu gewwa Haz-Zabbar u mhux Bormla.

In kontro-ezami x-xhud qal li l-ID card ta' ibnu ma jzommhiex huwa izda jzommha t-tifel stess. Qal ukoll li ibnu u l-imputat kienu hbieb tramite l-*iSpecial Olympics* ghaliex Victor Lofreda kien gie appuntat bhala *coach* biex jiehu hsieb it-tfal. Ibnu kien qallu li xtaq imur il-Bulgarija mal-imputat. Ix-xhud qal li m'ghandux ideja jekk ibnu kienx imur ghand l-imputat biex jara l-*football*. Qal ukoll li r-relazzjoni bejn ibnu u l-imputat kienet spiccat fis-sena 2010 meta Mark irrealizza li l-imputat kien qed jitolbu l-flus u ma kienx jaghtihomlu lura.

Illi xehdet **Denya Ellul** inrapprezentanza ta' Melita plc li esebiet dokumentazzjoni rigward il-kont bin-numru 845557 liema kont

huwa registrat taht Mark Agius bl-indirizz 17, Triq San Gwann, Bormla fejn l-ammont huwa ta' €1,090.97c (Dok. DE1 A folio 34).

Xehed ukoll **PS337 Mark Mercieca** li qal li kienu marru l-ghassa Salvino u Mark Agius biex jaghmlu rapport. Ix-xhud qal li fuq il-kuntratt kien hemm notament (*nota bene*) li kien jghid li jekk ikun hemm xi problemi fuq il-kontijiet kellhom ikellmu lil Victor Lofreda. Zied jghid li meta kellmu lill-imputat huwa kien ammetta li kien ghamel dan il-kuntratt ghax ma kellux flus fejn qal li seta' jhallas dan l-ammont. Pero` l-imputat qatt ma hallas xejn. L-imputat qal li Mark stess kien tah l-ID card tieghu. Mark Agius qallu li kien ta l-ID card tieghu lil Victor Lofreda ghaliex qallu li kien ser jirrangalu biex jilghab fl-*iSpecial Olympics* fejn wara Mark Agius qal li kien tahielu ghax kienu ser isiefru flimkien.

Xehed ukoll **PC656 Jonathan Hili** li kien prezenti waqt l-istqarrija fejn huwa gharaf lill-imputat fl-awla.

Rat illi l-imputat ma ressaq l-ebda prova in difiza u fis-seduta tat-tnax (12) ta' Novembru elfejn u tmintax (2018) il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel akkuza tittratta l-allegat frodi mill-imputat fejn qieghed jigi akkuzat talli ghamel qliegh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Mark Agius, Melita plc u/jew persuna/i ohra.

Illi l-elementi rikjesti biex jissussistu r-reati taht l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Fil-Ligi nostrali biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mis en scene* - ikun hemm it-truffa; jekk le jkun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat) - **Il-Pulizija vs Carmela German** deciza

mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Dicembru elfejn u erbgha (2004).

Illi x'jikkostitwixxi r-raggiri u l-artifizji wkoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei: *"artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe' che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se'richiama l'idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera."*- Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356.

Illi sabiex tinstab htija ghar-reati kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` r-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat, irid jirrizulta li kien hemm frodi jew truffa perpetrata li ggib telf patrimonjali lill-vittma u qligh ghal min jeffettwa tali frodi. Ghaldaqstant huwa evidenti li sabiex jissussistu l-akkuzi taht l-artikoli 308 u 309 irid ikun hemm

prova cara li sar xi qligh jew gwadann -**Il-Pulizija vs. Charles Le Brun** deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April elfejn u sebgha (2007).

Hawnhekk il-Qorti immedjatament tinnota li l-allegat qligh johrog mid-dokument esebit mir-rapprezentant tal-kumpanija Melita (Dok. DE1 a folio 34 tal-process) fejn jidher li permezz tal-kuntratt li gie ffirmat bl-isem ta' Mark Agius l-imputat akkwista servizz u tella' kont fl-ammont ta' €1,090.97c. Dan l-istess ammont gie anki konfermat minn Salvino Agius, li jigi missier il-kwerelant Mark Agius.

Apparti dan mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta b'mod konvincenti li dan kien propju kaz ta' frodi perpetrat minn agent b'forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent.

Illi mill-provi prodotti johrog li l-imputat kien il-*coach* ta' Mark Agius fl-*iSpecial Olympics*. Hareg ukoll li Mark Agius ghandu

bzonnijiet specjali. Jirrizulta li Victor Lofreda talab il-karta tal-identita` lil Mark Agius fuq il-pretiza li ser isiefru lejn il-Bulgarija. Huwa evidenti li l-imputat abbuza mill-posizzjoni tieghu liema posizzjoni kellha tkun wahda ta' fiducja. Hawnhekk il-Qorti hija konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat inganna lil Mark Agius bir-rizultat li l-kwerelant tah kopja tal-karta tal-identita` tieghu. L-imputat ha vantagg minn dan u uza l-karta tal-identita` ta' Mark Agius biex igib s-servizz li huwa xtaq fuq isem Mark Agius bir-rizultat li l-imputat gawda minn tali servizz mentri Mark Agius gie mnizzel mal-Credit Info bhala debitur ta' Melita plc fis-somma ta' €1,090.97c.

Illi ghalhekk ir-reat kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali jirrizulta ampjament ippruvat.

Illi l-Qorti ssib konfort anki fl-istqarrija tal-imputat. Il-Qorti tinnota li f'dawn il-proceduri hemm stqarrija tal-imputat li nghatat bil-kawteli kollha inkluz id-dritt tal-parir legali fejn l-imputat ikkonferma u ammetta illi l-kuntratt sar f'isem Mark Agius ghaliex kellu kopja tal-karta tal-identita` tieghu. Huwa ammetta wkoll li ma kienx Mark Agius li ffirma il-kuntratt izda

kien propju hu li ffirma: '*Jien nammetti li iffirmajt jiena peress li l-kuntratt kien fuq ismu.*' Huwa qal li xi tliet snin ilu kien tkellem ma' Mark Agius biex jaghmlu kuntratt mal-Melita peress li kienet gejja l-*World Cup*. Qal li Mark kien qabel mieghu u tah kopja tal-karta tal-identita` card tieghu. Kompla jghid li l-Melita kienu gew jinstallaw is-servizz id-dar tieghu gewwa Bormla. Fl-istqarrija tieghu l-imputat kien sahanistra qal li huwa lest li jhallas kollox hu ghax huwa l-iktar li uza s-servizz. Minkejja dan il-Qorti rat li l-imputat ma ghamel l-ebda pagament.

Il-Qorti nnutat ukoll li l-imputat ma ressaq l-ebda prova in difiza u fil-fatt qatt ma mar lura fuq dak li qal fl-istqarrija tieghu. Illi ghalhekk it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi jirrizultaw ukoll ampjament ippruvati u dan ghaliex hemm ammissjoni da parti tal-imputat fejn jghid car u tond li kien huwa stess li ffirma l-kuntratt taht il-pretiza li kien Mark Agius u min-naha l-ohra hemm ix-xhieda guramentata ta' Mark Agius li jghid li dik mhijiex il-firma tieghu u li qatt ma ra dak il-kuntratt qabel. Illi anki kieku kien il-kaz li l-imputat seta' japplika ghal servizz f'isem Mark Agius stante li kellu kopja tal-karta tal-identita` tieghu, dan ma jfissirx li huwa seta' jiffirma b'isem Mark Agius.

F’dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tghid il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana meta tittratta l-kuncett ta’ falsifikazzjoni – *“Il reato previsto dall’art 474 cp e` configurabile qualora la falsificazione, anche imperfetta e imparziale, sia idonea a trarre in inganno i terzi, ingenerando confusione tra contrassegno e prodotti originali e quelli non autentici e quindi errore circa l’origine e la provenienza del prodotto”* (Cass. Pen. sent. n. 51001_2016). Fil-kaz odjern ma hemmx dubju wkoll li l-imputat kien inganna l-impjegati ta’ Melita plc tant li Mark Agius spicca fuq il-lista ta’ debituri ta’ Credit Info.

Illi ghar-rigward tar-raba’ akkuza, u cioe` li l-imputat xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, il-Qorti tinnota li din l-akkuza ma gietx ippruvata stante li fl-ebda istanza l-imputat ma wera li uza dan id-dokument f’xi manjiera u di fatti jirrizulta li r-reat ta’ falsifikazzjoni gie komplut meta l-istess imputat iffirma l-karti ta’ Melita plc b’isem Mark Agius.

Illi ghar-rigward il-hames (5) akkuza, il-Qorti tinnota li fis-sittax (16) ta’ April elfejn u disgha (2009) l-imputat gie kkundannat (fuq akkuzi ta’ frodi) ghall-piena ta’ sena prigunerija sospiza ghal tliet

(3) snin li jfisser allura li r-reati dedotti kontrih fil-kawza in ezami gew kommessi waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza esebita a folio 52 tal-process.

Illi din il-Qorti trid tirrimarka u dan inkwantu tal-piena li ser tigi nflitta, li apparti li l-imputat ikkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li minnu nnifsu huwa gravi, l-imputat qatt ma pprova jhallas dan il-kont pendenti mal-kumpanija Melita Plc. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 310(1)(b), 167, 183 u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Victor Lofreda hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' sittax (16)-il xahar prigunerija effettiva, filwaqt li tilliberah mir-raba' (4) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti wkoll ai fini tal-hames (5) akkuza filwaqt li ssibu hati tordna li s-sentenza sospiza kontra l-imputat datata sittax (16)

ta' April elfejn u disgha (2009) moghtija mill-Magistrat Anthony J. Vella tigi reza ezegwibbli mil-lum.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**